IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru32 (Tnejn u Tletin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 11ta' Frar, 2016, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Il-Kunsilliera | Joe Azzopardi<br>Mary Doris Borg<br>Antonia Buttiġieġ |
| **Skuzati:** | |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Ambaxxatur taż-Żgħażagħ | Nicole Buttigieg |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

   Is-Sur Neil Attard u Nicole Buttiġieġ skużati.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti – Il-minuti ttieħdu bħala moqrija.

   2.1 Minuti ittieħdu bħala moqrija u approvati

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel:

   3.1 Impjant SSTP – Is-Sindku qal li tkellem ma' Johann Buttiġieġ, CEO tal-MEPA fejn dan qallu li għandna lis-Sur Salvu Camilleri bħala contact person li jattendi għal-laqgħat li jsiru rigward l-impjant tad-drenaġġ. Is-Sindku qallu li s-Sur Camilleri mhux jinfurmana b'dak kollu li jkun qed jiġri.

IX-XGHAJRA

Is-Sur Valvo kompla u qal li l-applikazzjoni intbgħatet u s'issa in-nies tekniċi tal- MEPA approvawha. Is-Sur Buttiġieġ qallu li nhar il-Ħamis 25 ta' Frar fis-2pm ser jiġi diskuss il-permess biex eventwalment jgħaddi għal approvazzjoni. Il-Budget għal dan il-Proġett tal-Landscaping ser ikun ta' madwar €1.4 miljun.

3.2 Rampa Sports Complex – Is-Sindku qal li Trasport Malta qabbdu lil Perita Charlene Bonnici sabiex terġa' tibda tieħu ħsieb dan il-proġett. Il-Perita Bonnici talbet għall-pjanti aġġornati ta' din ir-rampa sabiex jibda l-proċess tax-xogħol. Is-Sindku qal li llum il-ġurnata l-livelli tbiddlu minħabba rimi ta' terrapin, li tneħħa meta waqet it-triq, mill-istess kuntrattur li kellu jibni din ir-rampa. Dan it-terrapin biex jerġa' jitneħħa ser jiġi jiswa ħafna flus li din l-ispiża trid tiġi assorbita mill-istess Trasport Malta.

Il-pass li jmiss huwa li niltaqgħu mal-Perita Bonnici fuq il-post sabiex nistabbilixxu sewwa kif u meta ser nibdew.

Is-Sur Valvo qal li appena ssir din ir-rampa nkunu nistgħu nagħmlu l-fencing adegwat biex nagħlqu d-dawra tal-proġett u jitneħħew dawk il-blokki tal-franka.

3.3 Live Streaming – Is-Sur Valvo qal li l-live streaming issa ġie nstallat imma qiegħed taħt testing u qed nistennew ir-rapport tal-Inġinier indipendenti sabiex nibgħatu l-claim kompluta lid-Dipartiment. Il-pjan huwa li wara li dan it-testing ikun approvat inkunu nistgħu nittrasmettu live il-laqgħa uffiċjali li jmiss fuq is-sit tal-Kunsill xghajra.lc.gov.mt.

4. Item Nru 4 Fuq l-Aġenda – Korrispondenza

4.1 Life Long Learning – Is-Segretarju Eżekuttiv qal lil Kunsill li l-applikazzjoni biex napplikaw għall-life long learning courses ser tagħlaq għada u sar qbil li napplikaw għal korsijiet akkademici bażiċi.

4.2 Is Sinjura Buttigieg ippreżentat rendikont ta' dħul u ħrug tal-aħħar ħarġa kulturali.Is-Sindku qal li kull ħarġa kulturali bħal din għandu jkun hemm rendikont.

IX-XGĦAJRA

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

5.1 Qbil u astenżjoni waħda tas-Sinjura Doris Borg.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 Xogħol madwar ix-Xgħajra – Is-Sindku qal li mil-1 ta' Marzu il-ħaddiema li għandna taħt l-iskema ta' xogħol fil-komunita' tal-ETC ser jibdew jaħdmu fuq bażi full time. Dan ifisser li l-ħaddiema li għandna s-Sur Joseph Azzopardi, s-Sur Vince Spiteri, s-Sur Raymond Meli u s-Sur Silvio Fenech ser jibdew jaħdmu 40 siegħa fil-ġimgħa u b'hekk ser jiżdied ix-xogħol minn naħa tagħhom. Għad irridu nistennew korrispondenza mil-ETC sabiex jiċċarawlna l-proċedura tal-kundizzjonijiet ta' xogħol tagħhom.

6.2 Xogħol ta' ristrutturar tal-Uffiċini Amministrattivi – Is-Sur Valvo qal li x-xogħol fuq ir-ristrutturar tal-Uffiċini tal-Kunsill miexi sewwa u issa ser nordnaw il-madum.

6.3 Latrina Pubblika - Is-Sindku qal li kiteb lill-Ministru Joe Mizzi minħabba l-istat diżastruż li tinsab fiha il-latrina pubblika f'Dawret ix-Xatt. Il-Kunsill għandu nformazzjoni li ser tittieħed azzjoni u ser tiġi ristrutturata.

6.4 El Catalan – Is-Sindku qal li ser jiġi mfassal kuntratt ta' manutenzjoni tal-bandli u l-ġnien bejn il-Kunsill Lokali tax-Xgħajra u d-Diretturi tar-Restaurant El Catalan.

6.5 Prominade – Is-Sindku qal li l-fanali ta' Dawret ix-Xatt ser jinbidlu qabel is-Sajf. Dan ikkonfermah id-Direttur Generali is-Sur Raymond Farrugia.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Approvazzjoni tal-*Quarterly Report* – July-September 2016

7.1 Quarterly Reports – Is-Segretarju ppreżenta il-*quarterly report* ta' bejn Lulju u Settembru 2015 u ġie approvat b' astenzjoni waħda tas-Sinjura Doris Borg. Rimarka li xtaqet tagħmel is-Sinjura Borg kienet li għar-rapport tal-Kwart Marzu - Gunju li ġie approvat fil-laqgħa tal-Kunsill ta' Novembru u hija xtaqet li tiġi mniżżla wkoll bħala li astjeniet.Is Sindku qal li jsir tibdil fil minuti ta' tlett xhur ilu mhux proċedura u li din ir-rikjesta għanda tiġi biss irrekordjata issa skont kif qiegħda tixtieq is Sinjura Borg.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda – Skema ta' Skart Riċiklabbli

8.1 Skema Riċiklaġġ – Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu ħareġ is-sejħa għall-offerti miż-żewġ kumpaniji uffiċjali tar-riċiklaġġ li huma Green MT u Green Pak. Il-Green MT bgħatitilna bil-miktub li mhux interessata tissottometti offerta. Il-Green Pak bgħatu l-offerta tagħhom u l-Kunsill qabel unanimament magħha biex jidħol għal din l-iskema.

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

9.1 Korsijiet tal-Kompjuter – Is-Sindku qal li għandna proposta mir-Regjun li organiżżaw korsijiet tal-kompjuter lir-residenti tax-Xgħajra. Il-Kunsill għandu jħeġġeġ lir-residenti biex japplikaw. F'każ li jkollna aktar minn għaxar (10) applikanti il-korsijiet ikunu jistgħu jsiru fix-Xgħajra.

9.2 GAL Xlokk – Is-Sindku qal li għada ser ikollu laqgħa tal- GAL Xlokk u ser jattendi għaliha. B'din il-laqgħa ser naraw x'ser ikunu l-kundizzjonijiet u x'benefiċċji hemm u sabiex naraw kif għandna napplikaw għal proġetti li jaqgħu taħt ir-responsibilta' tal-Gal Xlokk.

9.3 Trasport Pubbliku – Is-Sur Valvo qal li kellu laqgħa mal-Uffiċjali ta' Trasport Malta fejn kien hemm preżenti wkoll il-Ministru Joe Mizzi. F'din il-laqgħa s-Sindku lmenta kif is-servizz fix-Xgħajra jibda mil-Bus Stop Gakbu u b'dan il-mod ikunu inqabżu ħafna nies meta l-karozza tasal fix-Xgħajra kmieni u fejn ġieli kellna anke 2 karozzi wara xulxin tal-istess rotta.

Ir-Risposta kienet li issa ser jibdew ikollhom datatrek biex ma jibdewx jaslu kmieni ħafna.

9.4 Is-Sindku qal li rċevejna email mingħand Nicole Buttigieg, l-Ambaxxtriċi taż-Żgħażagħ fejn din tixtieq li tieqaf minn din il-Kariga u tat ragunijiet ghaliex. Is-Sindku qal li ha jkellimha u nipproċedu minn hemm.

9.5 Health talk – Is-Sur Valvo qal li l-Health talk li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 23 ta' Frar u it-tema ser tkun "*keeping active*".

9.6 Karnival fix-Xghajra – Is-Sindku qal li l-attivita' tal-Karnival kellha titħassar minħabba li d-Dipartiment ma approvax l-applikazzjoni tagħna.

IX-XGĦAJRA

10. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda - Aġġornament

10.1 Il-Kunsill qabel unanimament li niltaqgħu nhar il-Ħamis 18 ta' Frar fl-10am biex jiġi diskuss u approvat r-Rapport Finanżjarju Annwali u l-Budget u jintbgħat fil-ħin sad-19 ta' Frar.

10.2 Ġie deċiż li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss tkun fil-15 ta' Marzu 2016 fil-5.30pm.

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Anthony Valvo
Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt